**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Joseph Farrugia**

**Kaz Nru: 695/2011**

**Illum 5 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Farrugia ta' 35 sena bin Joseph u Silvana nee' Camilleri imwieled Pieta' fil-5 t'April 1976 u joqghod Blk 4, Flat 5, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 218876M:

Talli fis-17 ta' Mejju 2010 ghal habta ta' 1.15am, u hinijiet u zminijiet qabel fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa Hal Luqa u f'dawn il-gzejjer saq mutur tal-ghamla Yamaha numru tar-registrazzjoni AXL666 u

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tahris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta' natura gravi liema ferita ikkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta' Angela Bajada mis-Swieqi skont kif iccertifika fuq Dr Alan Drago Reg 2647 mill-isptar Mater Dei.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkustanzi saq l-imsemmi mutur b'manjiera traskurata u perikoluza.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

Il-Qorti hija mitluba li f'sejbien ta' htija, Joseph Farrugia jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

Fl-artikoli 17, 31, 226(1)(a), 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3), u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta dwar incident stradali, li fih kien involut mutur, li sehh fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa kantuniera ma' Triq Garibaldi, Luqa nhar is-17 ta' Mejju 2010 ghall-habta tas-1.15a.m.. Joseph Farrugia, l-imputat, kien qieghed isuq il-mutur tieghu ta' ghamla Yamaha mudell YZX 1000 b'registrazzjoni numru AXL 666 waqt li Angela Bajada kienet riekba fuq wara tal-istess mutur.

F'dan l-incident kemm is-sewwieq u anki Angela Bajada wegghu gravi. Angela Bajada sofriet *subdural haematoma* fuq il-lemin u *subarachnoid hamorrhage* u frattura ta' C2 u spiccat *f'persistent vegitative state*. L-espert mediku Dr Mario Scerri kkonkluda li din id-debulizza li hija kondizzjoni permanenti hija rizultat ta' *blunt trauma* fuq ir-ras kagunata direttament mill-incident. L-ispecjalista Dr Ansari jixhed li huwa baqa' jsegwi lil Angela Bajada u ghalkemm  hija medikament stabbli hija kompletament dipendenti fuq haddiehor ghall-bzonnijiet taghha ta' kuljum. In vista ta' dan m'hemm l-ebda dubju li n-natura tal-feriti sofferti minn Angela Bajada huma ta' natura gravi li kkagunaw debulizza permanenti.

Joseph Farrugia garrab frattura tal-*clavical* tax-xellug li hija lezjoni ta' natura gravi *per durata* hekk kif ikkonkluda Dr Mario Scerri. Inoltre' l-imputat garrab lacerazzjoni fuq l-aspett occipitali tal-lemin tar-ras, lacerazzjoni fuq in-naha tax-xellug tal-geddum, xi abrazjonijiet fuq il-pali ta' l-id ix-xellugija u ta' id il-leminija. Kien hemm lacerazzjoni fuq l-aspett laterali tat-tarf t'isfel tar-rigel tal-lemin, u xi abrazjonijiet fuq l-irkoppa x-xellugija.

L-avukat difensur tal-parte leza tissottometti li l-incident huwa attribwibbli lill-imputat u dan billi kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva u huwa ma pprovax inaqqas l-istess velocita' meta kien konxju tal-fatt li kien qieghed javvicina l-ahhar tat-triq.

Id-difiza min-naha taghha sssotni li l-imputat m'ghandu l-ebda htija ghall-akkadut u dan billi jsostni li (i) ma giex pruvat fhix naqas l-imputat u li l-agir antecedenti juri li l-imputat kien bniedem prudenti u responsabbli; (ii) li ma kienx huwa li hareg bl-idea li jmorru dawra; (iii) li huwa kien irrifjuta li jrikkeb lil Angela Bajada billi ma kellhiex crash helmet. Dan ghandu jservi ta' gwida ghal kif probabilment huwa kien qieghed isuq li zgur ma kienx xi sewqan b'imperizja; (iv) li fil-kamp penali l-kuncett ta' *res ipsa loquitur* kif tallega l-prosekuzzjoni ma japplikax; (v) li l-espert tat-traffiku ma stabilixxix r-raguni ghalfejn l-imputat tilef il-kontroll tal-mutur; (vi) li jezisti kunflitt fuq il-velocita' tal-mutur stante li fir-rapport tal-espert f'mument minnhom jinghad li l-velocita' setghet kienet ta' 85 kilometri fis-siegha u fi bnadi ohra jghid li l-velocita' setghet kienet ta' 70 kilometru fis-siegha. L-imputat ighid li kien ghaddej bejn l-40 u s-60 kilometru fis-siegha; (vii) li l-espert esegwixxa testijiet filghaxija u ghalhekk huwa car li x-xena tal-incident giet *tainted* billi l-awtoritajiet

tal-protezzjoni civili marru fuq il-post u xerrdu z-zrar u r-ramel fuq it-triq. Isostni li qabel ma waslu l-pulizija u l-paramedici kien hemm diga′ xi nies fuq il-post u mhux maghruf din l-intromissjoni fuq l-evidenza migbura u ghalhekk wiehed ma jistax iqis l-evidenza kollha prezentata bhala attendibbli b′mod kategoriku; (viii) li ghalhekk hafna mill-konkluzjonijiet tal-espert huma bazati fuq id-dannu li gie subit mill-mutur, qed nitkellmu fuq mutur li normalment anke jekk jaqa′ fl-art igarrab danni konsiderevoli; (ix) id-difiza ghandha r-rizervi taghha wkoll fuq dak li qal l-espert rigward it-testijiet billi dawn saru b′vettura u mhux b′mutur; (x) anke jekk l-imputat kien qed isuq b′velocita′ ta′ 85kfs dan il-fatt wahdu mhux sufficjenti sabiex tinstab hatja; (xi) evidenza kbira li l-imputat ma kienx ghaddej b′velocita′ kbira tohrog mill-fatt li meta l-mutur habat ma′ centre strip ma qabisx ghan-naha l-ohra tat-triq u inoltre′ l-fatt li kemm l-imputta kif ukoll Bajada instabu kwazi fejn xulxin prattikament biswit il-mutur; (xii) il-griehi sofferti minn Angela Bajada ma kienux konsegwenza diretta ta′ l-impatt minhabba l-velocita′ li kien ghaddej biha l-imputat izda minhabba l-fatt li libset crash helmet kbira u mhux tal-qies taghha; (xiii) m′hemm xejn fil-process li jeskludi li l-incident sar minhabba Angela Bajada stess; (xiv) jistaqsi setax kien hemm terza persuna nvoluta billi skontu l-mutur kellu daqqa fuq quddiem u daqqa fuq wara; (xv) isostni li bilfors li kien hemm xi fattur li ssorprenda lill-imputat u li ma setax jiehu azzjoni evaziva biex jevita l-incident u b′hekk jirreferi ghad-difiza ta′ emergenza subitanea.

Hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renald Vella**[1]

*"Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. [vide Appell Kriminali - Kol. Vol. XLIV/892 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antoine Spiteri].*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn*

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Mamo, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tanya Sacco l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*

*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia - Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Cassar Desain deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3 la possibilita di prevedere.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom.Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[2] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 2003 fis-sentenza fl-ismjiet : 'Il-Pulizija vsFrancis William Peter George Zarb Adami'

*'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'*

Illi wara din ir-referenza dwar il-posizzjoni legali, se jigu elenkati l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni. Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

- L-imputat Joseph Farrugia mar il-Kick Start Bar f'Sta Venera biex jara loghba futbol. Huwa xorob zewg tazzi nbid mhalltin b'*soft drink.*
- Angela Bajada marret ghall-ewwel darba f'dan il-bar flimkien ma' Josephine Farrugia Potter li kienet tmur frekwenti f'dan il-bar li fih jiltaqghu l-bikers.
- Angela Bajada qatt ma kienet rikbet fuq mutur izda jirrizulta li kellha din ix-xewqa ghaliex il-muturi kienu joghgbuha. Dan hekk kif jixhed Clinton Busuttil.
- Waqt li Bajada u Farrugia Potter kienu f'dan il-bar bdew jissocjalizzaw. Clinton Busuttil jixhed li kienet ir-raba' darba li kien iltaqa' ma' Angela Bajada. Huma bdew jitkellmu u Bajada qaltlu kemm kienu joghgbuha l-muturi u li xtaqet titla' fuq mutur. Huwa qalilha li kien se jistaqsi lill-habib tieghu biex jara jekk riedx jehodha dawra. Resaq lejn l-imputat u staqsih. L-imputat wiegbu li huwa ma kellux *helmet*. Ghalhekk Busuttil qallu li Bajada setghet tuza' l-*helmet* tieghu.
- L-imputat libes il-*crash helmet* tieghu u Bajada dak misluf lilha. Josephine Farrugia Potter tixhed li rat lill-imputat ighinha tilbes il-helmet billi hija ma kinitx taf kif taqflu.
- Huma telqu bil-mutur bl-imputat isuq u Bajada riekba fuq wara.
- Minn Sta Venera l-imputat fl-istqarrija tieghu jispjega lighadda minn fejn ir-roundabout li taghti ghal Psaila Street, Birkirkara, nizel 'l isfel lejn in-naha tal-Marsa u gibed lejn Triq Dicembru Tlettax. L-imputat fl-istqarrija jiddikjara li ma jiftakarx xejn aktar. fid-deposizzjoni tat-18 ta' Mejju 2010 izda ftakar li kien tiela' t-

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fl-14 ta' Jannar, 2013

telgha. Huwa ovvju li l-imputat minn Triq Dicembru Tlettax erhilha ghal Triq Garibaldi.

- Jirrizulta li waqt li kienu telghin fi Triq Garibaldi w ezatt kif qabzu l-ahhar liwja biex jidhlu ghal Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa sehh l-incident.
- Mix-xhieda ta' PS679 Salvu Camilleri li mar fuq il-post tal-incident jirrizulta li l-mutur spicca mar-roundabout.
- WPC273 Karen Cassar, li kienet xoghol bejn is-16 u s-17 ta' Mejju, 2010 marret fuq il-post tal-incident u tixhed li l-pulizija sabu lill-imputat u lil Angela Bajada fl-art u ftit il-boghod minnhom kien hemm mutur li kien qieghed in-naha tar-Rahal Gdid fejn ic-centre strip f'nofs ta' triq. Il-mutur kien metru/metru u nofs il-boghod mill-persuni li kienu mixhutin mal-art.
- L-imputat anki wara l-incident baqa' bil-*helmet* f'rasu. Mentri meta l-infermiera waslu fuq il-post sabu li Angela Bajada ma kellhiex il-helmet. Biss pero' l-helmet li kienet liebsa hija nstab fuq il-post tal-incident.
- Mir-rapport tal-espert jirrizulta li l-*crash helmet* li sselfet Bajada kien kbir ghaliha.
- Il-mutur garrab hsarat estensivi, specjalment fil-parti ta' quddiem.
- L-espert Dr Mario Buttigieg jixhed li dakinhar tal-incident, il-lejl kien car u l-art kienet xotta. Mir-rapport tal-istess espert jirrizulta li d-dwal tat-triq kienu kollha mixghulin u kienu kollha f'kundizzjoni tajba.
- Illi xhieda okulari ghal dan l-incident ma kienx hemm. Inoltre' in vista tal-griehi sofferti, Angela Bajada qatt ma kienet f'posizzjoni li taghti l-versjoni taghha.
- Mir-rapport tal-espert Dr Mario Buttigieg jirrizulta li meta huwa acceda fuq il-post il-mutur involut ma kienx intmess minn meta kien sehh l-incident. L-espert ikkonstata li *"mill-investigazzjoni a tempo vergine li sar fuq ix-xena tal-incident irrizulta li l-mutur kien qed jigi misjuq fil-karregjata ta' gewwa meta ghal xi raguni Joseph Farrugia tilef il-kontroll tieghu. Illi hem mil-mutur baqa' sejjer dritt lejn is-centre strip meta habit mal-istess centre strip u hem mil-mutur odjern gie deflected u spicca baqa' diehel ghal go roundabout li hemm fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa".*

Illi ghalhekk jehtieg li jigi determinat x'kienet il-kawza li l-imputat tilef il-kontroll tal-mutur.

Illi l-espert Dr Mario Buttigieg ikkonstata li t-Triq Garibaldi hija wiesa 9.75m, waqt li t-Triq tal-Kunsill tal-Ewropa hi wiesa 9.2m. Fejn sehh l-incident hi triq *one way system* u hija triq primarja. It-triq hija inklinata 6.98 gradi. It-triq hija dritta u l-visibilita' ghas-sewwieq mhux ristretta minn ebda ostakoli. Il-wicc tat-triq fejn sehh l-incident huwa tajjeb, ghalkemm gewwa Triq Garibaldi hemm diversi xquq mal-wicc tat-triq.

Billi fejn sehh l-incident m'hemmx bini, skont l-artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht Kapitolu 65 il-velocita' ta' vettura misjuqa fl-inhawi m'ghandix teccedi l-velocita' ta' 80 kfs.

Fuq ix-xena tal-incident kien hemm diversi brix mal-art. Kien hemm ukoll diversi *parts* ossija *debris* tal-mutur tal-imputat. Kien hemm marki fi Triq Garibaldi waqt li kien hemm brix iehor frisk gewwa Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Dan gie kkonstatat mhux biss mill-espert tat-traffiku izda fattwalment gie kkonstatat u saret referenza ghall-istess minn diversi xhieda prodotti f'dawn il-proceduri fosthom membri tal-korp tal-pulizija u paramedici. L-espert osserva li dan il-brix u cioe' fi Triq Garibaldi beda mill-karreggjata ta' gewwa u baqa' sejjer dritt lejn ic-centre strip. Hdejn is-centre strip kien hemm *tyre mark,* mal-istess *strip* u anki brix fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa safejn waqaf il-mutur mal-art. Minn qisien li ha l-espert Dr Mario Buttigieg irrizulta li l-mutur halla 31.72 metru brix. Dan ukoll hekk kif evidenzjat fl-iskizz imhejji.

Mill-ezamijiet li wettaq l-espert tat-traffiku rrizulta li l-imputat qabel ma sehh l-incident kien ghaddej b'velocita' ta' aktar minn 85 kilometru fis-siegha.

Huwa minnu li fl-istess rapport f'punt wiehed l-espert semma li l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' 70kfs. Madankollu, meta l-istess espert xehed *viva voce* ikkonferma li l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' 85kfs. Ghal lamentela tad-difiza li l-ezamijiet saru fuq karozzi u mhux mutur, l-istess espert spjega l-metodologija wzata u spjega li dan ma kienx se jaffettwa r-rizultat minhabba l-ligi tal-fizika. Oltre' dan din il-Qorti lanqas ma tistax temmen lill-imputat meta jsostni li kien ghaddej b'velocita' bejn 40 u 60kfs u dan in vista tat-tul tal-marki tal-brix li halla u kif ukoll tal-hsarat konsiderevoli fuq il-mutur u tan-natura tal-feriti sofferti minnu stess. Il-Qorti lanqas ma tista' tiqis bhala wahda valida s-sottomissjoni tad-difiza li x-xena tal-

incident qabel il-wasla tal-pulizija u l-paramedici ntmesset. Ma rrizultax li kien hemm xi nies fuq il-post tal-incident u t-tabiba li tissemma li assistit lil Angela Bajada l-ewwel ma gietx prodotta bhala xhud. Biss pero' ma jirrizultax li kien hemm xi nies li messew ix-xena tal-incident. Lanqas il-fatt li ntefa' z-zrar u r-ramel (li ntefghu fuq il-fuel) u li t-testijiet twettqu mill-espert filghaxija.

Id-difiza ssostni li l-espert ibbaza hafna mill-konkluzjonijiet tieghu fuq id-dannu subit mill-mutur. Din is-sottomissjoni ma jirrizultax li ghandha mill-veru ghalkemm certament il-hsarat inghataw piz. Din il-Qorti apparti r-rapport tal-espert tqis ukoll importanti hafna x-xhieda moghtija minn Dr Jeffrey Bonnici li ezamina lill-imputat fl-emergenza. Dr Bonnici spjega li l-griehi sofferti mill-imputat ossia *"meta xi hadd ikollu tant tbengil li jinvolvu kemm in-naha ta' fuq tar-ras u kemm isfel tas-sieq"* dawn il-griehi huma kompatibbli ma' daqqa kbira. Testwalment jixhed *"Normalment ikun hemm incident tat-traffiku fejn xi hadd ikun ghaddej b'velocita' qawwija"*.

Mir-rizultanzi processwali din il-Qorti hija moralment konvinta li l-incident huwa attribwibbli lill-imputat u lil hadd aktar. Minn dak li rrizulta, l-imputat b'Angela Bajada riekba wkoll fuq il-mutur waqt li kien qieghed isuq fi Triq Garibaldi fid-direzzjoni ta' Hal Luqa, fuq il-karreggjata ta' gewwa, kif qabez il-liwja li hemm fit-triq u kien wasal vicin l-ahhar tat-triq li tizblokka fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa skiddja. B'konsegwenza ta' dan hareg il-barra u habat mac-centre strip u imbaghad tkaxkru sakemm il-mutur habat mar-roundabout. Brake marks ma nstabux izda tkejjel brix mal-art ta' 31.72 metru u gie riskontrat minn hdejn ic-centre strip (ghax kien hemm tyre mark u brix) safejn strah il-mutur li hija distanza konsiderevoli. L-espert seta' jiddetermina l-velocita' meta beda jiskidja u mhux qabel. Tenut kont tal-fatt li l-imputat kien wasal f'liwja huwa kellu l-obbligu li jnaqqas il-velocita' u evidentement dan m'ghamlux. Dan il-fattur kien determinanti ghall-incident. Oltre' dan huwa kien qieghed javvicina roundabout u kwindi anki ghal din ir-raguni kien jehtieglu jnaqqas il-velocita' tieghu. Mir-rapport tal-espert jemergi wkoll li l-movimenti ta' *pillion rider* ukoll jistghu jaffettwaw is-sewqan. F'dan il-kaz, l-imputat kien jaf li Angela Bajada qatt ma kienet rikbet fuq mutur u ghaldaqstant l-obbligu tieghu kien li jsuq b'aktar galbu. Tenut ukoll kont tal-fatt li l-mutur inkwistjoni huwa mutur b'magna kbira u li ttella' l-velocita'.

L-imputat isemmi li seta' kien hemm involviment ta' terz biex waslu li jitlef il-kontroll billi rriskontra xi daqqiet fuq quddiem u anki fuq wara tal-mutur. Il-Qorti dan teskludih billi mir-rapport tal-espert jirrizulta li minn ezami li sar fuq il-mutur ma kellu l-ebda *contact damages* bejn xi vettura u jew mutur iehor. Intant ma kienx osservat l-ebda *paint transfer* u lanqas daqqiet fuq l-istess mutur.

L-imputat jissottometti li ma kienx huwa li hareg bl-idea tad-dawra fuq il-mutur u huwa kien responsabbli li ma jaccettax ghaliex Angela Bajada ma kellhiex *crash helmet*. Skontu dan ghandu jkun indikattiv tas-sewqan tieghu. Il-Qorti ma taqbilx. Stabilit li kienet Angela Bajada li xtaqet tmur dawra bil-mutur dan ma jezonerax lill-imputat bhala sewwieq mill-obbligi tieghu li jsuq prudentement u certament bhala sewwieq ta' mutur bi tlettax-il sena esperjenza suppost kien jaf li mhux rakkomandabbli li *crash helmet* jissellef u suppost jaf ukoll li mal-liwja sewwieq irid inaqqas il-velocita' tieghu. Lanqas ma jista' jsostni l-imputat li l-griehi sofferti minn Angela Bajada ma kienux konsegwenza diretta ta' l-impatt minhabba li libset *crash helmet* mhux tal-qies taghha. Hekk kif gie ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor[3]. Dana ghaliex il-**"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII,p.IV. p.883). Il-kawza prossima tal-incident kien is-sewqan eccessiv tal-imputat u l-griehi humakonsegwenza diretta tal-incident. Il-fatt li Bajada kienet liebsa *crash helmet* kbir ghaliha jittiehed in kunsiderazzjoni meta l-Qorti se tiddetermina l-piena li ghandha tigi inflitta ghaliex dan il-fattur m'ghenx fic-cirkostanza.

Inkwantu ghad-difiza ta' emergenza subitanea ma jirrizultax li inholqu xi cirkustanzi li taw lok ghal xi emergenza.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata sal grad rikjest mil-ligi.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni jirrizulta li l-imputat saq il-mutur bi traskuragni kbira izda mhux b'mod perikoluz. Anki t-tielet imputazzjoni tinsab ippruvata.

---

[3] App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi tal-kaz. Tqis li m'ghandhix tigi imposta piena karcerarja effettiva u dan tenut kont li kien hemm element ta' kontributorjeta' min-naha ta' Angela Bajada inkwantu ghall-konsegwenzi li hija sofriet fl-incident.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' sewqan bi traskuragni izda mhux ta' sewqan bla kont jew b'mod perikoluz u ghaldaqstant tilliberah minn tali imputazzjonijiet u ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elfejn erba' mija u tletin euro u sitta u sebghin centezmu (€2,430.76).

Inoltre' tiskwalifika lill-hati Joseph Farrugia milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena, liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tallum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat